**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 728/2018/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Norman Bugeja**

Illum 18 ta' April 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Norman Bugeja**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 447061(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'OMISSIS u/jew f'dawn il-Gżejjer nhar it-18 ta' Novembru 2018 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens ta' OMISSIS (OMISSIS), OMISSIS

(OMISSIS), OMISSIS (OMISSIS) u OMISSIS ( OMISSIS);

2. fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, issoġġetta lil OMISSIS (OMISSIS), OMISSIS (OMISSIS), OMISSIS (OMISSIS) u OMISSIS (OMISSIS) għal xi atti ta' intimita' fiżika u/jew talab favuri sesswali mingħand il-persuni msemmija u/jew issoġġetta lil imsemmija persuni għal xi att u, jew imġieba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u/jew għemil, wera jew iċċirkola kliem miktub, stampat, u/jew imġieba li ma kinitx mixtieqa minn imsemmija persuni, u li kienu raġonevolment ikkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u/jew intimidatorji lejhom;

3. fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku fuq il-persuni ta' OMISSIS (OMISSIS), OMISSIS (OMISSIS), OMISSIS (OMISSIS) u OMISSIS (OMISSIS);

4. fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi bħala uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku, għamel reat li kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' OMISSIS (OMISSIS), OMISSIS (OMISSIS), OMISSIS (OMISSIS) u OMISSIS (OMISSIS).

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artiklu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm

waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, jekk jidhrilha xieraq, tordna Ordni ta' Trattament skont Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu, wara li rat Artikoli 207, 251A(c)(d)(e) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni (mhux l-aggravju taħt Artikolu 202 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni poġġietu taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet (3) snin *ai termini* ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta liema ordni fforma parti integrali mis-sentenza u fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni kkundannatu multa ta' tmint elef Euro (€8,000). *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat għall-ispejjeż peritali naxxenti mill-proceduri li jammontaw għal elfejn, tliet mija u erbgħa u tletin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€2,334.55). Finalment *ai termini* ta' Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li isem l-imputat jitpoġġa fir-Reġistru imwaqqaf a bażi tal-Att imsemmi u konsegwentement ordnat li kopja tas-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati għall-annotazzjoni neċessarja. Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet jekk l-ordni tagħha ma tiġix obduta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi* ***TIKKONFERMAHA*** *fil-parti tas-sentenza fejn ma sabitux ħati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu,* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minnhom u f'kull każ illi din il-Qorti jidhrilha li għandha issib ħtija tat-tieni akkuża* ***TIKKONFERMAHA*** *fil-*

*parti fejn ma nstabitx ħtija tal-aggravju taħt l-Artikolu 202 tal-Kap. 9, jew alternattivament* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkustanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-31 ta' Jannar 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-4 ta' Ottubru 2022.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti: F'Novembru 2018 żewġ tfajliet (ta' sittax (16)-il sena) *ossia* tnejn mill-*parte civile* għamlu rapport li kien qiegħed isir fastidju sesswali fuq il-persuna tagħhom ġewwa OMISSIS fejn kienu qed jirrisjedu minn persuna ta' sess maskili li kien impjegat bħala *carer* ġewwa l-istess dar. Minn investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija jingħad li żewġ tfajliet oħra qalu li l-istess raġel kien qiegħed jagħtihom fastidju wkoll ġewwa l-istess dar. Eventwalment, l-appellant allura imputat tressaq quddiem l-Ewwel Qorti u ġie akkużat b'numru ta' imputazzjonijiet.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn din illiberatu mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni u talab li jiġi liberat mill-

ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjoni u sabiex f'każ li din il-Qorti jidhrilha li għandha issib ħtija tat-tieni (2) imputazzjoni, tikkonfermaha fil-parti fejn ma nstabitx ħtija tal-aggravju taħt Artikolu 202 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew alternattivament timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-cirkostanzi tal-każ.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu tqies li jkun opportun tfakkar illi huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v.**

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa intitolat "Apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fir-rigward tas-sejbien tal-ħtija tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkużi miġjuba fil-konfront tal-appellant". Dan l-aggravju huwa maqsum fis-segwenti:

- prinċipji ġenerali;
- kunflitt u kuntratt bejn ix-xiehda tal-kwerelanti u x-xiehda tal-appellant u xhieda oħra illi xehdu quddiem l-Ewwel Qorti:
    - xiehda tal-kwerelanti;
    - xiehda bil-ġurament tal-appellant Norman Bugeja u xhieda oħrajn;
    - Mary Helen Atkins;
    - Anna Aquilina;
- l-ewwel (1) imputazzjoni;
- it-tieni (2) imputazzjoni.

Illi l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti stante li jisħaq li hija ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova neċessarju sal-konvinċiment morali tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan minħabba li skont hu l-provi mressqa kienu jaqgħu l-bogħod minn dak rikjest mil-liġi.

---

**Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Illi l-appellant jagħmel riferenza għal prinċipji ġenerali li jirrigwardaw l-oneru tal-prova u x'effett iħalli kunflitt fil-provi. Dwar il-kunflitt u kuntrast bejn ix-xiehda tal-*parte civile* u x-xiehda tiegħu jgħid li l-verżjoni mogħtija minnu ġiet korroborata minnu *a tempo vergine* fl-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-Pulizija u minn ħaddiema oħra waqt li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* ma ġewx korroborati minn persuni oħra. Jilmenta li x-xiehda tiegħu ġiet injorata mill-Ewwel Qorti minkejja li kienet korroborata minn kollegi.

Illi l-appellant isemmi li skont ma qalet il-*parte civile* OMISSIS hija rat biss żewġ inċidenti fejn allegatament huwa tefa l-ilma. Jgħid li OMISSIS tgħid li ma kinitx tifhmu meta jitkellem iżda kienet tifhmu mis-sinjali li kien qed jagħmel. Rigward l-inċident li qalilha biex tbusu fuq ħaddejh, kull ma tiftakar li kienet bil-qiegħda fuq is-sodda iżda ma tiftakarx meta u x'hin kien. Rigward ix-xiehda mogħtija mill-*parte civile* OMISSIS isemmi li kien imur fil-kamra tas-sodda tagħhom filgħaxija u jixgħel id-dawl u meta ma qamux tefalgħom l-ilma fuq wiċċhom. Rigward il-favuri sesswali isemmi li dawn semgħethom minn OMISSIS.

Illi l-appellant jirreferi għal dak li qalu l-*parte civile* OMISSIS u OMISSIS meta jsemmu li bil-mossi hu kien jurihom li ried ikollu x'jaqsam magħhom.

Illi l-appellant jilmenta li l-*parte civile* kollha kienu jitkellmu miegħu bis-sinjali u li għalhekk huwa diffiċli li wieħed jemmen li bis-sinjali biss hu kien jagħmel dawn it-talbiet. Jisħaq li l-fatt li hu kien ixejjer il-flus ma kienx ifisser li ried ikollu x'jaqsam sesswalment magħhom. Jgħid li huwa diffiċli li jitwemmnu l-*parte civile* meta dawn lanqas ma kienu jiftakru meta saru l-allegati atti. Jgħid li meta ġew mistoqsija domandi speċifiċi huma ma kienux jafu x'ser iwieġbu u li għalhekk hemm nuqqas ta' kredibilita'. Ikompli li jekk il-*parte civile* kienu jqiesu lilu bħal predatur sesswali għalfejn kienu joħorġu mill-kamra tal-banju b'xugaman biss imdawwar magħhom?!

Illi filwaqt li l-appellant isemmi diskrepanzi fil-verżjonijiet mogħtija jgħid li l-unika raguni għala sar ir-rapport kien minħabba li hu kien strett ħafna. L-appellant jirreferi għax-xiehda mogħtija minnu bil-ġurament u jgħid li din taqbel ma' l-istqarrija tiegħu fejn ċaħad kategorikament li huwa għamel attivitajiet sesswali. Isemmi li huwa kien jaħdem ma' l-Aġenzija AWAS u jkompli li meta kienu jmorru fil-kmamar ma kienux ikunu waħedhom. Isemmi (*a fol.* 518): *"Illi huwa kien jinsisti magħhom sabiex inaddfu għax fi kliemu "ma tantx kienu hygienically clean"*. Jgħid ukoll li kien jitlob li ma joħorġux mill-banju b'xugaman biss iżda kien jitlob li jkunu liebsa. Ikompli li huwa qatt ma daħal waħdu fuq it-tfajliet. Jgħid li meta t-tfajliet kienu jkunu isfel huwa kien ikun fuq u kien hemm *gate* li tingħalaq mis-*security* u dawn ikollhom iċ-ċavetta.

Illi dwar l-inċident tal-ilma l-appellant jgħid li kien ma' kollega tiegħu u li din kienet biss ċajta tant li l-*parte civile* bdew jidħqu. Jirreferi wkoll għax-xiehda ta' kollegi tiegħu li kienu jaħdmu fis-*shift* miegħu u li kkorroboraw il-verżjoni tiegħu.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li anke jekk wieħed kellu joqgħod fuq il-verżjonijiet mogħtija mill-*parte civile* xorta l-egħmil in kwistjoni ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi. Dwar l-<u>ewwel (1) imputazzjoni</u> jirreferi għall-emendi li daħlu fis-seħħ fis-sena 2018 fejn il-kliem "attentat vjolenti għall-pudur" ġew sostitwiti bil-kliem "att ta' natura sesswali mingħajr kunsens". Jgħid li għalkemm il-liġi ma tagħtix definizzjoni ta' dan, Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika li l-att materjali ma għandux jikkosistwixxi wieħed mid-delitti kkunsmat jew attentat imsemmija fl-Artikoli 198-206 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk, skont hu, jekk att fih innifsu ma jikkostitwixxiex wieħed mid-delitti msemmija fl-Artikoli 198-206 tal-Kapitolu msemmi, dak l-att jista' jikkostitwixxi ksur ta' Artikolu 207 jekk jiġi kkunsidrat bħala "att ta' natura sesswali". L-appellant jisħaq li stante li fil-kliem tal-*parte civile* qatt ma sar xejn, dawn l-atti ma humiex ta' natura sesswali.

Illi dwar it-tieni (2) imputazzjoni l-appellant isemmi li huwa ġie akkużat li ssuġġetta lill-*parte civile* għal atti ta' intimita' fiżika jew li talab favuri sesswali minn għand il-persuni msemmija. Ikompli li l-analiżi li trid tagħmel il-Qorti huwa li tara jekk kienx hemm xi tip ta' fastidju meta hu jiċħad li kien hemm xi forma ta' fastidju u li l-inċident tal-ilma kien biss ċajta. Jispjega li anke jekk din il-Qorti tispiċċa temmen lill-*parte civile* huwa jgħid li l-*parte civile* ma semmew l-ebda episodju li jitqies bħala fastidju iżda kienu kollha ċirkostanzi fejn uża l-awtorita' tiegħu sabiex huma jwettqu dmirhom.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li minkejja li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet kunfliġġenti u minkejja li kunflitt fil-provi għandu jmur a benefiċċju tal-imputat, pero' fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997, din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi l-Qorti tagħmel ukoll riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** (Numru 128/2002) fejn din il-Qorti diversament preseduta spjegat x'jiġri meta Ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti u ċioé jistgħu jiġru żewġ affarijiet u ċioè jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** (Numru 436/2009) mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża **Pulizija vs. Joseph Thorn** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet:
>
> *"... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006).""[2]

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Numru 38/2011) deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistriħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."

[2] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali**, 24 ta' Jannar 2013; **Il-Pulizija vs. Mario Pace**, 6 ta' Frar 2013; **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt**, 11 ta' Lulju 2013.

Illi dwar il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet din il-Qorti tinnota li għalkemm partijiet mix-xiehda tal-*parte civile* setgħet intilfet fit-traduzzjonijiet li saru dak li ġara kif rakkontat minnhom ħareġ ċar. Din il-Qorti ma għandhiex l-isfera tal-kristall biex tara x'gara iżda mill-provi mressqa din il-Qorti setgħet tinnota ċertu gideb minn naħa tal-appellant. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi għar-rapport (Dok. "KC 1" – *a fol.* 215 *et seq.*) imħejji mill-espert Keith Cutajar fejn mir-ritratti, hekk kif identifikat mill-Ewwel Qorti, jidhru nies għaddejjin waħedhom fil-kurituri u jidħlu fil-kmamar inkluż l-appellant. Għalhekk din il-Qorti ssibha diffiċli temmen lill-appellant meta, kemm waqt l-istqarrija tiegħu (*a fol.* 111 *et seq.*) kif ukoll waqt ix-xiehda mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 402 *et seq.*) jgħid ripetutament li kienu jidħlu fil-kmamar biss akkumpanjati. Minbarra dan, din il-Qorti fliet bir-reqqa ix-xiehda mogħtija mill-kollegi tal-appellant u b'mod partikolari x-xiehda mogħtija minn Anna Aquilina fejn mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minnha jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 103):

| | |
|---|---|
| Spettur Hubert Cini: | "[...]. Jiġifieri fuq il-każ li konna kellimnik, inti qatt ma, qatt ma rajt xejn minn naħa tas-Sur Norman Bugeja?" |
| Anna Aquilina: | "Le. Diment li nkunu miegħu qatt ma rajna xejn u. Issa meta jkun waħdu ma nafux." |

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti din hija indikazzjoni ċara li l-appellant kien ikun waħdu f'ċertu mumenti.

Illi anke l-argument imressaq mill-istess appellant li matul il-lejl il-*gate* kienet tkun magħluqa mis-*security* mhijiex ta' fejda. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li mir-ritratti fl-atti proċesswali jidhru ċar in-nies għaddejjin fil-kurituri matul il-lejl. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għar-ritratti bin-numri 132 sa 138 (*a fol.* 316 sa 322).

Illi rigward il-kwistjoni fejn l-appellant jattakka l-kredibilita' tal-*parte civile* din il-Qorti tagħmel riferenza għal Dok. "DT 1" (*a fol.* 187) ippreżentat minn Diana Tudorancea fejn l-affarijiet li l-*parte civile* qalu lill-Pulizija reġgħu ħarġu bl-istess dettalji. Tenut kont ta' kollox, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti rigward il-kredibilita' tal-verżjoni tal-*parte civile*.

Illi l-appellant jilmenta li anke kieku wieħed kellu jemmen il-verżjoni tal-*parte civile*, billi kien ixejjer il-flus ma kienx ifisser li ried jorqod magħhom. Din il-Qorti hija kemmxejn perplessa b'dan ir-raġunament minħabba li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn persuna għandha toqgħod ixxejjer il-flus. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-argument hekk kif imressaq mill-appellant huwa bla sens. Anke dwar l-ilment imressaq mill-appellant rigward il-fatt li kienu jikkomunikaw bis-sinjali, din il-Qorti hija tal-fehma li wieħed ma għandux ikun xi għaref sabiex jifhem ċertu sinjali.

Illi dwar il-punt imqajjem mill-appellant rigward l-applikazzjoni ta' Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Demanuele** (Numru 138/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi qabel kull konsiderazzjoni oħra l-Qorti tirrileva illi r-reat tal-attentat vjolenti fuq il-pudur ukoll intmess mil-leġislatur b'dan illi l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali fiż-żmien mertu tal-każ kien jaqra kif ġej:
>
> *"Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena*:
>
> Bl-artikolu 201 tal-Kodiċi Kriminali iqies dawk ċ-ċirkostanzi fejn l-element tal-vjolenza huwa preżunt li jissussisti. Dan l-element tal-vjolenza illum ġie eradikat mill-artikolu 207 permezz tal-emendi li daħħlu fis-seħħ bl-Att XIII tal-2018, sabiex illum jissussisti r-reat kull

> meta l-att vjolattiv isir 'mingħajr il-kunsens' tal-vittma. Fil-fehma ta' din il-Qorti, madanakollu, fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija mill-ġurisprudenza tul is-snin dan l-element tal-vjolenza kien dejjem ġie interpretat li jissussisti kull meta l-att inkriminatorju jsir mill-awtur tar-reat mingħajr il-kunsens tal-vittma. Illi din il-Qorti kif ippresjeduta kellha okkazzjoni tagħti interpretazzjoni ta' din il-bidla li seħħet fil-liġi fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs. Oglive Grima**[3]:
>
> [...]".

Illi minbarra dan din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Richard Attard** (Numru 71 / 2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Il-Qorti m'ghandhiex dubju li, taħt ċerti ċirkostanzi, li wieħed imiss il-warrani ta' tfajla u ibusha fuq għoqda jista' jammonta għal att ta' libidini."

Illi mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti mill-*parte civile* OMISSIS jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 43):

> "So she explained that she was doing the laundry, she was putting on the washing machine she did not know he was coming behind her and he touched her bottom and gave her twenty Euros and asked her to sleep with him. And when she said she would give the money to the Police he just said: "give me the money back"."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, kemm fid-dawl ta' dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza u kif ukoll fid-dawl ta' dak li ġie appena ċitat, jirriżultaw l-elementi neċessarji sabiex l-appellant allura imputat seta' jinstab ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni.

[3] "Deċiża minn din il-Qorti tal-Appell kif ippreseduta nhar it-30 ta' Settembru 2020."

Illi rigward it-tieni (2) imputazzjoni mressqa kontra l-appellant, diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza li minħabba l-inkosistenzi li hemm bejn il-verżjoni mogħtija mill-appellant u dak li jirriżulta fl-atti proċesswali, il-verżjonijiet mogħtija mill-*parte civile* għandhom jiġu emnuti. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti tqis l-imġieba li żamm l-appellant meta:

- talab bewsa minn għand waħda mill-*parte civile*,
- mess il-warrani ta' waħda mill-*parte civile* u
- talab favuri sesswali mingħand tnejn mill-*parte civile*.

Illi għalhekk jirriżulta mingħajr ebda dubju li anke t-tieni (2) imputazzjoni ġiet ippruvata lil hinn minn kull dubju raġonevoli u kif ġie deċiż mill-Ewwel Qorti.

Illi b'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u għalhekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu u jgħid li din hija waħda eċċessiva. Jisħaq li piena ma għandha qatt isservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun iġġarbet mill-*parte civile* – jew mill-familjari tagħha – kawża tas-sinistru. Jgħid li l-fedina penali tiegħu hija waħda netta u li jekk jinstab ħati għandu jitqies li huwa *first-time offender*. Jilmenta li l-piena erogata ma tilħaqx il-bilanċ neċessarju bejn l-element retributtiv u dak riformattiv.

Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha. Għal kull buon fini jingħad li fis-sottomissjonijiet finali tal-konsulenti legali tal-appellant din il-Qorti ġiet infurmata li l-insistenza primarja tal-appellant kienet dwar l-ewwel aggravju. Dwar it-tieni aggravju, din il-Qorti qieset li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' dak li sabet lill-appellant allura imputat ħati tiegħu, liema sejbien ta' ħtija ġie konfermat minn din il-Qorti (u ċioé fejn imponiet Ordni ta' *Probation* u multa ta' tmint elef Euro (€8,000) minbarra l-ispejjeż peritali), hija piena ferm limitata fin-natura punittiva tagħha u tibbilanċja sew l-element riformattiv flimkien ma' l-element retributtiv. B'hekk din il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn għandha tibdel l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Norman Bugeja u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-publikazzjoni tal-ismijiet tal-*parte civile* u tal-fond li jsir riferenza għalih fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Finalment, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u dana sabiex jagħmel dak meħtieġ fid-dawl ta' Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**